# Politika tas-CCTV Kameras ta' Sorveljanza tal-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA)

**Skop**
L-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA) tipproċessa data personali permezz ta' CCTV kamera/s u timxi ma' din il-politika fir-rigward ta' data pproċessata b'dan il-mezz.

**Sfond**
Il-kontrollur fi ħdan l-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali huwa d-Direttur Ġenerali tal-Aġenzija.

L-uffiċjal tal-protezzjoni tad-data li qed jirrappreżenta lil Direttur Ġenerali (Pagamenti Agrikoli) jista' jiġi kkuntattjat kif ġej:

**Indirizz**
Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali
Triq Ħal Luqa,
Ħal Qormi, QRM 9075
Malta

**Telefon**
(+356) *22926148*

**Email**
*dpo.arpa@gov.mt*

Is-suġġetti tad-data se jkollhom id-dritt għall-aċċess tad-data li qed tiġi pproċessata skont il-Kapitlu III (Artiklu 15) tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (jekk jogħġbok irreferi għas-sezzjoni relatata ma' Aċċess, hawn taħt). Is-suġġetti tad-data huma infurmati wkoll li għandhom id-dritt li jagħmlu ilment mal-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data.

Il-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data jista' jiġi kkuntattjat kif ġej:

**INDIRIZZ**
Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data*
2 Livell, Airways House
Triq il-Kbira
Tas-Sliema, SLM 1549
Malta

**Telefon**
(+356) 2328 7100

**Email**
idpc.info@idpc.org.mt

**Post u Skop**
Kameras ta' sorveljanza huma installati fiż-żoni komuni fil-binja prinċipali tal-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali, Triq Ħal Luqa, Qormi. Fiż-żona sorveljata, għandek issib avviżi mwaħħla f'postijiet prominenti u faċilment viżibbli. L-iskopijiet ta' sorveljanza huma li tiġi żgurata *s*-sigurtà, u li jitnaqqas ir-riskju ta' vandaliżmu. Il-filmati mhux se jintużaw għal skopijiet oħrajn għajr dak speċifikat. Ipproċessar għal attività distinta li mhix kompatibbli mar-raġuni oriġinali li għaliha l-kameras ġew imwaħħla se ssir biss jekk is-suġġetti tad-data jiġu avżati minn qabel ma jibda l-proċess.

Skont il-Kapitlu II (Artiklu 5) tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data, il-kontrollur jiġġustifika l-użu tas-sistema tas-CCTV kameras ta' sorveljanza għall-iskop imsemmi hawn fuq. L-immaġini, li jistgħu jintgħarfu, meħuda mill-kameras se jiġu pproċessati b'mod adegwat u rilevanti u se jkunu neċessarji fir-rigward tal-għanijiet tal-ipproċessar skont il-Kapitlu II (Artiklu 6) tar-Regolament.

**Aċċess għall-Filmat u d-Data**
L-aċċess għall-filmat huwa disponibbli għal persuni awtorizzati biss. Jekk ikun meħtieġ, il-kontrollur jista' jawtorizza aċċess ulterjuri għall-filmat meta rilevanti għall-iskopijiet speċifiċi msemmija hawn fuq.

Kull attività kriminali li tinqabad mill-kameras se tingħata lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi wara li jsir rapport lill-pulizija.

Fir-rigward ta' aċċess ta' immaġini rrekordjati, l-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali timpenja ruħha li tkun konformi mal-politika tas-sigurtà b'mod strett. Kull aċċess intern tal-immaġini mill-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali jew żvelar ta' dawn l-immaġini wara li ssir talba mingħand l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jew mingħand is-suġġett tad-data se jiġu rreġistrati u miżmuma bħala evidenza.

**Dritt għal Aċċess**
Kull individwu jista' jitlob aċċess għad-data personali tiegħu li hija miżmuma mill-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali f'forma ta' CCTV rekording. Il-kontrollur huwa obbligat li jipprovdi aċċess għall-filmat mingħajr ma jikxef l-identità ta' terzi persuni.

Jekk individwu mhuwiex sodisfatt bil-mod li ngħatatlu r-risposta jew bil-mod ta' kif ingħata aċċess, jista' jirreferi l-kwistjoni għand il-Kummissarju għall-Informazzjoni u d-*Data,* li jinvestiga l-każ u jara li d-dritt għall-aċċess kien mogħti b'mod adegwat.

Talba għal dritt għal aċċess għandha ssir bil-miktub u tiġi indirizzata lill-kontrollur.

## Perjodu ta' Żamma

Id-Data Personali tinżamm għal erbatax-il (14)ġurnata. Dan il-perjodu huwa l-perjodu neċessarju li għalih inkisbet id-data. Wara li jgħaddi dan il-perjodu, l-immaġini ġodda jiġu rrekordjati fuqhom. F'każ li d-data tiġi estratta minħabba mġieba inaċċettabbli li twassal għal investigazzjoni kriminali, din tinżamm għall-perjodu meħtieġ biex tissodisfa dawn it-talbiet legali, u titħassar b'mod sigur wara li dawn l-attivitajiet jiġu eżawriti.

## Konklużjoni

Din il-politika tipprovdi r-raġunijiet u l-mezzi ta' pproċessar permezz tal-użu tas-Sistema ta' Sorveljanza tas-CCTV fi ħdan l-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali filwaqt li tiżgura li d-drittijiet tas-suġġetti tad-data ma jinkisrux, billi l-ipproċessar tad-*data* personali jsir b'mod adegwat, mhux aktar milli meħtieġ u tiġi żgurata li d-data ma tinżammx aktar milli hemm bżonn b'konformità mal-Leġislazzjoni tal-Protezzjoni tad-Data.

Data: 16/07/2021



**t**: +356 2292 6148
**e**: arpa.mafa@gov.mt **w**: www.arpa.gov.mt